

Brussell, 8 ta' Marzu 2017  
(OR. en)

6621/17

FIN 133

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tal-Baġit
Suġġett:	Stima tan-nefqa u d-dħul għas-sena finanzjarja 2018 għall-Kunsill Ewropew u l-Kunsill (Taqsimha II tal-Baġit tal-UE) - Memorandum ta' spjegazzjoni

---

**I. INTRODUZZJONI**

1. Il-proċedura baġitarja għas-sena finanzjarja 2018 ser titwettaq f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba<sup>1</sup>.

---

<sup>1</sup> Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (ĠU C 373, 20.12.2013, p.1).

F'dan il-kuntest, fil-21 ta' Frar 2017 il-Kunsill ECOFIN adotta konklużjonijiet dwar il-linji gwida baġitarji għall-2018 (Dokument tal-Kunsill 5877/17) li jtennu l-hteġa ta' baġit realistiku tal-UE għall-2018 fejn il-livell kemm tal-impenji kif ukoll tal-pagamenti jinżamm taħt kontroll strett u jkun ibbażat fuq ħtiġijiet reali. Barra minn hekk, il-Kunsill ECOFIN enfasizza li għandhom jitħallew biżżejjed marġini taħt il-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) tal-UE għall-2014-2020 sabiex ikunu jistgħu jiġu ttrattati avvenimenti mhux mistennija.

2. Il-qafas interistituzzjonali ġenerali għall-elaborazzjoni tal-proposti għall-abbozz ta' baġit (AB) għall-2018 ġie stabbilit fl-ittra tal-Kummissjoni tal-21 ta' Diċembru 2016, li fiha l-Kummissjoni stiednet lill-istituzzjonijiet kollha biex iħejju l-istimi tagħhom abbażi tal-linji gwida li ġejjin<sup>2</sup>:

- jinkludu 1,8 % u 2,0 % għall-aġġustament tas-salarji fl-2017 u l-2018 rispettivament,
- jinkludu riżorsi relatati mad-deroga tal-lingwa Irlandiża għall-2018,
- daww l-istituzzjonijiet li għadhom ma laħqux il-mira ta' 5 % ta' tnaqqis fil-livelli tal-persunal ser ikollhom ikomplu bit-tnaqqis meħtieġ u jevitaw kull dewmien addizzjonali,
- jimmiraw għal iffriżar nominali fil-livell tal-2017 ta' kull nefqa mhux marbuta mas-salarji,
- iż-żieda fl-infiq minħabba l-indiċjar ta' kuntratti hija mistennija li tiġi kkompensata minn iffrankar f'infiq ieħor, u
- jidentifikaw l-ispejjeż indiretti speċifiċi għall-istituzzjoni relatati mal-Ġurnal Uffiċjali li ser jitnaqqsu mill-baġits tal-istituzzjonijiet u ser ikunu direttament ibbaġitjati fil-baġit tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet fl-2018 (jiġifieri eżerċizzju li mhux ser ikollu effett baġitarju fil-livell tal-baġit tal-UE).

Fit-23 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni kkomunikat previżjoni ta' inflazzjoni ta' 1,8 % għal Brussell u 1,9 % għal-Lussemburgu għall-perijodu bejn Diċembru 2017 u Diċembru 2018.

---

<sup>2</sup> Ittra tas-Sinjura Georgieva lill-Istituzzjonijiet tal-UE u korpi oħra tal-21 ta' Diċembru 2016. Ref. A(2016) 7668000.

3. F'konformità ma' dawn il-linji gwida is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (SĠK) fassal proposta għal abbozz ta' baġit għall-2018 għall-Kunsill Ewropew u l-Kunsill (Taqsim II tal-baġit tal-UE).

L-objettiv ġenerali tal-proposta kien li ma jinqabiżx, f'termini nominali, il-livell ġenerali tal-baġit għall-2017 għal infiq mhux relatat mas-salarji.

Żidiet marbuta ma' obbligi statutorji jew kuntrattwali jew f'oqsma li tqiesu bħala essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-SĠK ġew ikkumpensati billi ċerti proġetti ngħataw prijorità u ġew riprogrammati b'kont meħud tal-implimentazzjoni tal-baġit fis-snin reċenti.

B'riżultat ta' dan, is-SĠK jipproponi abbozz ta' baġit ta' EUR 575,2 miljun għall-2018.

Il-proposta tikkorrispondi ma' żieda kumplessiva ta' EUR 13,6 miljun jew 2,4 % meta mqabbla mal-baġit għall-2017.

Il-linji relatati mas-salarji jkopru EUR 339 miljun, li jirriżulta f'żieda ta' EUR 15,4 miljun jew 4.7 % filwaqt li linji mhux relatati mas-salarji jammontaw għal EUR 236,2 miljun bi tnaqqis ta' EUR 1,7 miljun jew 0,7% meta mqabbel mal-2017. It-tnaqqis jikkorrispondi mas-sehem tal-Kunsill tal-ispejjeż indiretti relatati mal-Ġurnal Uffiċjali li ser jitnaqqsu mill-baġits tal-istituzzjonijiet u ser ikunu direttament ibbaġitjati fil-baġit tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet fl-2018.

4. Tabella 1 tippreżenta l-proposta tal-baġit għall-2018 skont il-kategorija. Kummenti aktar dettaljati dwar l-iżvilupp ta' kull kategorija jinsabu fil-paragrafu II hawn taħt.

**Tabella 1: Proposta għal abbozz ta' baġit tal-KE/K għall-2018 (skont il-kategorija, EUR)**

Kapitolu / artikolu/ partita	Kategorija ta' nfiq	Baġit 2017	AB 2018	Differenza	Bidla 2018/2017
		1	2	3=2-1	4=3/1
10	Membri tal-Istituzzjoni (President)	1.322.000	1.346.000	24.000	1,8%
11	Persunal statutorju (Tabella tal-persunal)	315.446.000	329.748.000	14.302.000	4,5%
12	Persunal estern	14.149.000	13.040.000	-1.109.000	-7,8%
13	Infiq ieħor relatat mal-persunal	9.407.000	9.973.000	566.000	6,0%
<b>TITOLU 1</b>	<b>Persuni li jaħdmu mal-Istituzzjoni</b>	<b>340.324.000</b>	<b>354.107.000</b>	<b>13.783.000</b>	<b>4,0%</b>
200	Bini	57.789.000	56.739.000	-1.050.000	-1,8%
210	Sistemi tal-kompjuter	42.800.000	41.300.000	-1.500.000	-3,5%
211	Għamara	942.000	733.000	-209.000	-22,2%
212	Tagħmir tekniku	3.659.000	4.344.000	685.000	18,7%
213	Trasport	1.048.000	1.496.000	448.000	42,7%
2200	Spejjeż tal-ivvjaġġar ta' delegazzjonijiet	17.802.000	17.802.000	0	0,0%
2202	Spejjeż ta' interpretazzjoni	79.816.000	79.816.000	0	0,0%
2201, 2203, 2204, 2205	Laqgħat u konferenzi	4.984.000	4.945.000	-39.000	-0,8%
221-2211	Informazzjoni	4.785.000	8.375.000	3.590.000	75,0%
2211	Ġurnal Uffiċjali	3.500.000	1.777.000	-1.723.000	-49,2%
223	Mixxellanju	2.127.000	1.787.000	-340.000	-16,0%
<b>TITOLU 2</b>	<b>Bini, tagħmir u nfiq operattiv</b>	<b>219.252.000</b>	<b>219.114.000</b>	<b>-138.000</b>	<b>-0,1%</b>
<b>TITOLU 10</b>	<b>Riżerva</b>	<b>2.000.000</b>	<b>2.000.000</b>	<b>0</b>	<b>0,0%</b>
<b>BAĠIT TOTALI</b>		<b>561.576.000</b>	<b>575.221.000</b>	<b>13.645.000</b>	<b>2,4%</b>
	Nefqa marbuta mas-salarji	323.632.000	339.000.000	15.368.000	4,7%
	Nefqa mhux relatata mas-salarji	237.944.000	236.221.000	-1.723.000	-0,7%
<b>BAĠIT TOTALI</b>		<b>561.576.000</b>	<b>575.221.000</b>	<b>13.645.000</b>	<b>2,4%</b>

5. Aktar informazzjoni dettaljata tingħata fl-annessi:

Anness 1: Stima tad-Dħul u l-Infiq għas-sena finanzjarja 2018

Anness 2: Tabella tal-persunal 2018

Anness 3: Evoluzzjoni tal-għadd ta' persunal estern' u l-infiq fuqu

## II. KUMMENTI SKONT IL-KATEGORIJA TAL-INFIQ

### 1. Membri tal-Istituzzjoni, il-President (Kapitolu 10)

L-approprijazzjonijiet relatati mal-funzjoni tal-President tal-Kunsill Ewropew ġew aġġustati biex iqisu bidliet żgħar fid-drittijiet u r-rimunerazzjoni.

### 2. Uffiċjali u persunal temporanju (Kapitolu 11)

Il-livell ta' approprijazzjonijiet għall-intestaturi tal-baġit relatati mat-tabella tal-persunal huwa determinat prinċipalment mill-bidliet li ġejjin:

#### a) Tibdil tat-tabella tal-persunal

F'konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni is-SĠK inkluda karigi 4 AD5 u 2 AST1 għar-reġim ġdid tat-traduzzjoni Irlandiża.

Bħala parti mill-arranġament dwar l-organizzazzjoni u l-operazzjoni ta' tim ta' rispons f'emerġenzi relatati mal-kompjuters għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE (CERT-EU) is-SĠK jipproponi, bħala kontribut mill-Kunsill, li jiġu ttrasferiti kariga waħda AD5 u kariga waħda AST1 lill-Kummissjoni.

F'konformità mal-modernizzazzjoni amministrattiva kontinwa, is-SĠK biħsiebu jbidel 25 kariga AST (5 AST2, 5 AST3, 5 AST4 u 10 AST5) f'25 kariga SC (10 SC2 u 15 SC1), 20 AST (10 AST7 u 10 AST6) f'20 kariga AD (10 AD7 u 10 AD5) kif ukoll post wieħed AD12 temporanju f'kariga permanenti AD12.

#### b) Żieda fl-okkupanza fit-tabella tal-persunal

Is-SĠK qed jistma li r-rata ta' okkupanza għall-2018 ser tkun ta' medja ta' 95 %. Dan jirrappreżenta żieda ta' 0,5 punti perċentwali meta mqabbla ma' dak li hu bbaġitjat għall-2017.

c) Aġġustament tas-salarji

L-aġġustament tas-salarji jirrifletti l-aġġustament finali għall-2016 (3,3 %) u l-istimi għall-2017 (1,8 %) u 2018 (2,0 % għal 6 xhur). Il-perċentwal finali għall-aġġustamenti tal-2017 u l-2018 ser ikun disponibbli f'Diċembru 2017 u f'Diċembru 2018 rispettivament.

3. Persunal ieħor u servizzi esterni (Kapitolu 12)

F'konformità mal-objettiv li jiġi stabbilizzat il-livell ta' riżorsi umani l-għadd kumplessiv ta' persunal ieħor inżamm fil-livell tal-2017 (anness 3). Il-bidla totali ta' -7.8 % fl-approprijazzjonijiet f'dan il-kapitolu hija mqassma kif ġej:

- a) Żieda ta' EUR 0,4 miljun relatata mal-istima tal-aġġustamenti tas-salarji fl-2017 u l-2018 u li tkopri l-bidliet fl-istruttura tal-karriera tal-aġenti kuntrattwali.
- b) Żieda ta' EUR 0,5 miljun relatata maż-żieda ta' 9 aġenti kuntrattwali bħala aġenti tas-sigurtà 24/7 għaċ-ċentru tas-sigurtà fil-Bini Europa u 3 patchers addizzjonali f'Lulju 2016, li ma kinux previsti fil-baġit tal-2017.
- c) Tnaqqis ta' EUR 2 miljun minħabba t-trasferiment ta' approprijazzjonijiet relatati ma' servizzi awdjoviżivi esterni mit-Titolu 1 (partita 1203) għat-Titolu 2 (partita 2213) sabiex ikunu iktar konformi man-nomenklatura tal-baġit għall-infiq amministrattiv.

4. Infiq ieħor relatat ma' persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni (Kapitolu 13)

Żieda ta' 6.0 % hija prinċipalment relatata maż-żieda fil-baġits għall-missjonijiet tal-kabinett tal-President u l-uffiċjali tas-SĠK b'total ta' EUR 0,3 miljun u l-obbligu kuntrattwali fuq il-faċilitajiet ta' crèches u l-kura tat-tfal b'EUR 0,2 miljun.

5. Bini u spejjeż assoċjati (Kapitolu 20)

a) Bini (Artikolu 200)

Il-baġit għall-funzjonament tal-bini huwa mnaqqas b'15.9 % (EUR 2,6 miljun). Dan it-tnaqqis ġej prinċipalment minn:

- iffrankar fuq il-pagament annwali ta' okkupazzjoni għall-bini tal-konferenzi fil-Lussemburgu (EUR 0,5 miljun);
- iffrankar fuq il-kera għall-Info Centre f'Rond Point Schuman peress li ċ-Ċentru għall-Viżitaturi ser jinfetħ fil-Justus Lipsius fl-2018 (EUR 0,3 miljun);
- iffrankar fuq il-kera għall-maħżen tal-Kunsill minħabba kuntratt inqas għoli (EUR 0,1 miljun);
- tnaqqis ta' EUR 1,7 miljun relatat ma' proġetti ta' bini, speċjalment minħabba l-finalizzazzjoni ta' proġetti ta' investiment fil-Bini Europa (EUR 1,3 miljun).

b) Infiq relatat ma' bini (Artikolu 201)

Il-baġit totali għall-ispejjeż tal-operat u l-manutenzjoni tal-bini jiżdied b'3,6 % (EUR 1,5 miljun). Din iż-żieda, prinċipalment relatata ma' spejjeż akbar ta' sigurtà b'EUR 1,7 miljun, hija parzjalment ikkumpensata minn iffrankar fil-konsum tal-enerġija (EUR 0,2 miljun).

6. Sistemi tal-kompjuter, tagħmir u għamara (Kapitolu 21)

a) Infiq fuq l-IT (Artikolu 210)

Il-baġit għall-IT tnaqqas b'EUR 1.5 miljun jew b' 3,5 % meta mqabbel mal-2017. Dan it-tnaqqis iqis, fost affarijiet oħra, l-investiment ta' darba ta' netwerk Wi-Fi fl-2017 (EUR 4,5 miljun).

b) Għamara (Artikolu 211)

Il-baġit biex tinbidel u tiġi rinnovata l-għamara tnaqqas b'EUR 0,2 miljun (22.2 %) meta mqabbel mal-2017, li jikkorrispondi speċjalment għall-investimenti li saru għal għamara ġdida fir-restoranti tal-Kunsill fl-2017.

c) Tagħmir u installazzjonijiet tekniċi (Artikolu 212)

Iż-żieda ta' EUR 0,7 miljun jew 18.7 % meta mqabbla mal-2017 hija spjegata miż-żieda tal-ispejjeż relatati mal-manutenzjoni tat-tagħmir tekniku fil-Bini Europa wara t-tmiem tal-perijodu ta' garanzija. Iż-żieda fil-manutenzjoni ġiet parzjalment ikkumpensata mit-tnaqqis tal-baġit biex jiġi mmodernizzat it-tagħmir tal-konferenzi u dak awdjoviżiv.

d) Trasport (Artikolu 213)

Iż-żieda ta' EUR 0,4 miljun jew 42.7 % fl-infiq fuq it-trasport tkopri l-kiri meħtieġ ta' trasport speċjali relatat ma' avvenimenti ta' livell għoli ppjanati għall-2018.

7. Infiq operattiv (Kapitolu 22)

a) Spejjeż ta' vjaġġar ta' delegazzjonijiet (Partita 2200)

Fid-dawl tar-rata tal-implimentazzjoni attwali ta' din il-partita u f'konformità mal-approċċ ta' ffriżar nominali, is-SĠK jipproponi li l-baġit tal-2018 jinżamm fil-livell tal-2017 għal EUR 17,8 miljun.

b) Interpretazzjoni (Partita 2202)

Fid-dawl tar-rata tal-implimentazzjoni attwali ta' din il-partita s-SĠK jipproponi li l-baġit tal-2018 jinżamm fil-livell tal-2017 għal EUR 79,8 miljun.

F'konformità mal-approċċ tal-iffriżar nominali, is-SĠK jipproponi li jinżammu l-pakketti lingwistiċi fuq talba fil-livell tal-2017.

Il-proposta għall-interpretazzjoni hija maqsuma kif ġej:

- EUR 34,5 miljun għal interpretazzjoni ġenerali inklużi l-kontinġenzi,
- EUR 45,3 miljun għal pakketti fuq talba (EUR 1.970.870/pakkett).

c) Laqgħat u konferenzi (Partiti 2201, 2203, 2204, 2205)

Il-baġit għal-laqgħat u l-konferenzi, fost l-oħrajn il-forniment tal-ikel u l-infiq amministrattiv relatat, tnaqqas b' 0.8 % meta mqabbel mal-2017.

d) Informazzjoni (Partiti 2210, 2212, 2213)

Iż-żieda ta' EUR 3,5 miljun hija spjegata permezz ta':

- Trasferiment tekniku ta' EUR 2 miljun (ara punt 3c) minħabba t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet relatati ma' servizzi awdjoviżivi esterni mit-Titolu 1 (partita 1203) għat-Titolu 2 (partita 2213) sabiex ikunu iktar konformi man-nomenklatura tal-baġit għall-infiq amministrattiv.
- L-ispiża tad-disinn kunċettwali tal-proġetti "Common Digital Platform", "Digital workspace" u "e-Presidency" (EUR 1,5 miljun) bħala proġetti strateġiċi interdipartimentali tas-SĠK fl-2018.

e) Ġurnal Uffiċjali (Partita 2211)

It-tnaqqis ta' EUR 1,7 miljun jikkorrispondi għas-sehem tal-ispejjeż indiretti tal-Kunsill relatati mal-Ġurnal Uffiċjali li, skont ftehim interistituzzjonali ser jitnaqqas mill-baġits tal-istituzzjonijiet fl-2018 u ser jiġi bbaġitjat direttament għall-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet (eżerċizzju li mhux ser ikollu effett baġitarju fil-livell tal-baġit tal-UE).

f) Infiq ieħor (Artikolu 223)

It-tnaqqis ta' 16 % meta mqabbel mal-2017 huwa spjegat permezz tat-tnaqqis ta' spejjeż relatati mal-ispejjeż legali u speċjalment it-tnaqqis tal-impatt ta' darba tal-ġarr relatat mal-Bini Europa fl-2017.

8. Riżerva ta' kontinġenza (Titolu 10)

Minħabba l-inċertezza attwali dwar rekwiżiti ta' sigurtà qiegħed jiġi propost li r-riżerva ta' kontinġenza (Artikolu 101 tat-Titolu 10) tinżamm fil-livell attwali ta' EUR 2 miljun. Dan l-ammont jista' jkopri wkoll il-konsegwenzi finanzjarji tal-inizjattivi jew l-attivitajiet b'impatt baġitarju sinifikanti (pereżempju attivitajiet addizzjonali tal-Kunsill Ewropew) li jitwettqu matul l-2018.

---

**Stima tad-Dħul u l-Infiq għas-sena finanzjarja 2018**  
**Taqsimu II - Kunsill Ewropew u Kunsill**

Partita	Deskrizzjoni	Eżitu 2016	Baġit 2017	AB 2018	% 2017/2018
<b>TITOLU 1 - Persuni li jaħdmu mal-Istituzzjoni</b>					
1000	Salarju Bażiku	319.196	335.000	342.000	2,1%
1001	Drittijiet marbutin mal-kariga okkupata	64.896	68.000	70.000	2,9%
1002	Drittijiet marbutin maċ-ċirkostanzi personali	8.531	10.000	10.000	0,0%
1003	Kopertura għas-sigurtà soċjali	12.461	14.000	14.000	0,0%
1004	Infiq ieħor għall-gejżoni	429.818	675.000	675.000	0,0%
1006	Drittijiet marbutin mad-dħul fis-servizz, it-trasferiment u t-tluq mis-servizz	p.m.	p.m.	p.m.	Mhux Applikabbli
1007	Aġġustament annwali tar-rimunerazzjoni	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	50.000	Mhux Applikabbli
<b>100</b>	<b>Rimunerazzjoni u drittijiet oħrajn</b>	<b>834.902</b>	<b>1.102.000</b>	<b>1.161.000</b>	<b>5,4%</b>
1010	Allowance transitorja	136.551	170.000	185.000	8,8%
<b>101</b>	<b>Tmien tas-servizz</b>	<b>136.551</b>	<b>170.000</b>	<b>185.000</b>	<b>8,8%</b>
1020	Approprjazzjoni proviżorja għal tibdil fid-drittijiet	p.m.	50.000	p.m.	Mhux Applikabbli
<b>102</b>	<b>Approprjazzjoni proviżorja</b>	<b>p.m.</b>	<b>50.000</b>	<b>p.m.</b>	<b>Mhux Applikabbli</b>
<b>Total Kapitolu 10 - Membri tal-Istituzzjoni</b>		<b>971.454</b>	<b>1.322.000</b>	<b>1.346.000</b>	<b>1,8%</b>
1100	Salarji bażiċi	223.030.383	236.814.000	247.346.000	4,4%
1101	Drittijiet taħt ir-Regolamenti tal-Persunal marbutin mal-kariga okkupata	1.322.671	1.850.000	1.920.000	3,8%
1102	Drittijiet taħt ir-Regolamenti tal-Persunal marbutin maċ-ċirkostanzi personali tal-membri tal-persunal	57.356.078	59.571.000	62.300.000	4,6%
1103	Kopertura għas-sigurtà soċjali	9.339.564	9.452.000	10.100.000	6,9%
1104	Koeffiċjenti korrettivi tas-salarji	142.502	50.000	52.000	4,0%
1105	Sahra	1.110.425	1.500.000	1.450.000	-3,3%
1106	Drittijiet taħt ir-Regolamenti tal-Persunal marbutin mad-dħul fis-servizz, it-trasferiment u t-tluq mis-servizz	1.904.300	2.600.000	2.400.000	-7,7%
1107	Aġġustament annwali tar-rimunerazzjoni	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	3.128.000	Mhux Applikabbli
<b>110</b>	<b>Rimunerazzjoni u drittijiet oħrajn</b>	<b>294.205.923</b>	<b>311.837.000</b>	<b>328.696.000</b>	<b>5,4%</b>
1110	Allowances fil-każ ta' ritarir fi-interessi tas-servizz	54.169	171.000	362.000	111,7%
1111	Allowances għal persunal li s-servizz tagħhom jintemm	p.m.	p.m.	p.m.	Mhux Applikabbli
1112	Drittijiet tal-ex Segretarij-Ġenerali	503.657	665.000	690.000	3,8%
<b>111</b>	<b>Tmien tas-servizz</b>	<b>557.826</b>	<b>836.000</b>	<b>1.052.000</b>	<b>25,8%</b>
1120	Approprjazzjoni proviżorja (uffiċjali u persunal temporanju)	p.m.	2.767.000	p.m.	Mhux Applikabbli
1121	Approprjazzjoni proviżorja (persunal iritarat u arranġamenti speċjali)	p.m.	6.000	p.m.	Mhux Applikabbli
<b>112</b>	<b>Approprjazzjoni proviżorja</b>	<b>p.m.</b>	<b>2.773.000</b>	<b>p.m.</b>	<b>Mhux Applikabbli</b>
<b>Total Kapitolu 11 - Uffiċjali u persunal temporanju</b>		<b>294.763.749</b>	<b>315.446.000</b>	<b>329.748.000</b>	<b>4,5%</b>
1200	Persunal ieħor	9.283.499	9.706.000	10.565.000	8,9%
1201	Esperit nazzjonali sekondarji	743.968	973.000	993.000	2,1%
1202	Apprendistati	583.054	670.000	680.000	1,5%
1203	Servizzi esterni	1.678.745	2.498.000	498.000	-80,1%
1204	Servizzi supplimentari għas-servizz ta' traduzzjoni	75.583	200.000	200.000	0,0%
1207	Aġġustament annwali tar-rimunerazzjoni	p.m.	p.m.	104.000	Mhux Applikabbli
<b>120</b>	<b>Persunal ieħor u servizzi esterni</b>	<b>12.364.848</b>	<b>14.047.000</b>	<b>13.040.000</b>	<b>-7,2%</b>
<b>122</b>	<b>Approprjazzjoni proviżorja</b>	<b>p.m.</b>	<b>102.000</b>	<b>p.m.</b>	<b>Mhux Applikabbli</b>
<b>Total Kapitolu 12 - Persunal ieħor u servizzi esterni</b>		<b>12.364.848</b>	<b>14.149.000</b>	<b>13.040.000</b>	<b>-7,8%</b>
1300	Infiq varju għar-reklutaġġ	172.215	181.000	192.000	6,1%
1301	Taħriġ addizzjonali	1.955.930	1.992.000	2.028.000	1,8%
<b>130</b>	<b>Infiq relatat mal-amministrazzjoni tal-persunal</b>	<b>2.128.145</b>	<b>2.173.000</b>	<b>2.220.000</b>	<b>2,2%</b>
1310	Għotjiet għal assistenja speċjali	p.m.	30.000	30.000	0,0%
1311	Kunċett soċjali bejn membri tal-persunal	116.650	117.000	117.000	0,0%
1312	Għajjuna supplimentari għad-diżabbli	167.514	210.000	210.000	0,0%
1313	Infiq soċjali ieħor	65.600	66.000	66.000	0,0%
<b>131</b>	<b>Miżuri biex jgħinu l-persunal tal-istituzzjoni</b>	<b>349.764</b>	<b>423.000</b>	<b>423.000</b>	<b>0,0%</b>
1320	Servizz mediku	404.075	498.000	505.000	1,4%
1321	Risbrant u kanċini	p.m.	p.m.	p.m.	Mhux Applikabbli
1322	Skejjel materni u faċilitajiet li jgħidu ħsieb it-tfal	2.366.000	2.683.000	2.895.000	7,9%
<b>132</b>	<b>Attivitajiet relatati mal-persuni kollha li jaħdmu mal-istituzzjoni</b>	<b>2.770.075</b>	<b>3.181.000</b>	<b>3.400.000</b>	<b>6,9%</b>
1331	Spejjeż tal-missjonijiet tas-Segretarjat tal-Kunsill	2.579.923	2.980.000	3.130.000	5,0%
1332	Spejjeż għall-ivvjaġġar tal-persunal relatat mal-Kunsill Ewropew	728.728	650.000	800.000	23,1%
<b>133</b>	<b>Missjonijiet</b>	<b>3.308.651</b>	<b>3.630.000</b>	<b>3.930.000</b>	<b>8,3%</b>
<b>134</b>	<b>Miżati tal-iskola għal Skejjel Ewropej Tip II</b>	<b>p.m.</b>	<b>p.m.</b>	<b>p.m.</b>	<b>Mhux Applikabbli</b>
<b>Total Kapitolu 13 - Infiq ieħor relatat ma' persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni</b>		<b>8.556.634</b>	<b>9.407.000</b>	<b>9.973.000</b>	<b>6,0%</b>
<b>TOTAL TITOLU 1</b>		<b>316.656.685</b>	<b>340.324.000</b>	<b>354.107.000</b>	<b>4,0%</b>

## TITOLU 2 - Bini, taġħmir u nfiq operattiv

2000	Kera	17.759.045	1.982.000	1.109.000	-44,0%
2001	Ħlasijiet annwali ta' lokazzjoni	p.m.	p.m.	p.m.	Mhux Applikabbli
2002	Akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli	11.005.000	p.m.	0	Mhux Applikabbli
2003	Xogħol ta' sistemazzjoni u ta' installazzjoni	7.338.868	10.618.000	9.234.000	-13,0%
2004	Xogħol biex il-bini jkun sigur	904.859	2.830.000	2.547.000	-10,0%
2005	Infiq qabel l-akkwiżizzjoni, il-konstruzzjoni u s-sistemazzjoni tal-bini	519.100	711.000	690.000	-3,0%
<b>200</b>	<b>Bini</b>	<b>37.526.872</b>	<b>16.141.000</b>	<b>13.580.000</b>	<b>-15,9%</b>
2010	Tindif u manutenzjoni	15.356.378	19.057.000	19.080.000	0,1%
2011	Ilma, gass, elettriku u tisħin	3.706.814	4.974.000	4.766.000	-4,2%
2012	Sigurtà u sorveljanza tal-bini	15.925.700	16.815.000	18.493.000	10,0%
2013	Assigurazzjoni	319.141	191.000	270.000	41,4%
2014	Infiq ieħor relatat mal-bini	406.453	611.000	550.000	-10,0%
<b>201</b>	<b>Infiq relatat ma' bini</b>	<b>35.714.486</b>	<b>41.648.000</b>	<b>43.159.000</b>	<b>3,6%</b>
<b>Total Kapitolu 20 - Bini u spejjeż assoċjati</b>		<b>73.241.358</b>	<b>57.789.000</b>	<b>56.739.000</b>	<b>-1,8%</b>
2100	Akkwiżizzjoni ta' taġħmir u software	13.538.012	12.262.000	10.716.000	-12,6%
2101	Assistenza esterna għall-operat u l-iżvilupp ta' sistemi tal-kompjuter	18.354.785	21.850.000	21.798.000	-0,2%
2102	Żamma fi stat tajjeb u manutenzjoni ta' taġħmir u software	5.213.407	7.156.000	7.196.000	0,6%
2103	Telekomunikazzjoni	1.575.498	1.532.000	1.590.000	3,8%
<b>210</b>	<b>Sistemi tal-kompjuter u telekomunikazzjonijiet</b>	<b>38.681.702</b>	<b>42.800.000</b>	<b>41.300.000</b>	<b>-3,5%</b>
<b>211</b>	<b>Għamara</b>	<b>666.719</b>	<b>942.000</b>	<b>733.000</b>	<b>-22,2%</b>
2120	Xiri u sostituzzjoni ta' taġħmir u installazzjonijiet tekniċi	2.636.755	2.650.000	2.494.000	-5,9%
2121	Assistenza esterna għall-operat u l-iżvilupp ta' taġħmir u installazzjonijiet tekniċi	229.425	78.000	312.000	300,0%
2122	Kiri, żamma fi stat tajjeb, manutenzjoni u tswija ta' taġħmir u installazzjonijiet tekniċi	620.714	931.000	1.538.000	65,2%
<b>212</b>	<b>Tagħmir u installazzjonijiet tekniċi</b>	<b>3.486.894</b>	<b>3.659.000</b>	<b>4.344.000</b>	<b>18,7%</b>
<b>213</b>	<b>Trasport</b>	<b>840.810</b>	<b>1.048.000</b>	<b>1.496.000</b>	<b>42,7%</b>
<b>Total Kapitolu 21 - Sistemi tal-kompjuter, taġħmir u għamara</b>		<b>43.676.125</b>	<b>48.449.000</b>	<b>47.873.000</b>	<b>-1,2%</b>
2200	Spejjeż ta' vvjaġġar ta' delegazzjonijiet	16.609.174	17.802.000	17.802.000	0,0%
2201	Spejjeż ta' vvjaġġar varji	390.943	470.000	470.000	0,0%
2202	Spejjeż ta' interpretazzjoni	57.760.822	79.816.000	79.816.000	0,0%
2203	Spejjeż għar-rappreżentanza	157.763	150.000	175.000	16,7%
2204	Infiq varju għal laqgħat interni	2.943.355	4.174.000	4.040.000	-3,2%
2205	Organizzazzjoni ta' konferenzi, kungressi u laqgħat	75.834	190.000	260.000	36,8%
<b>220</b>	<b>Laqgħat u konferenzi</b>	<b>77.937.890</b>	<b>102.602.000</b>	<b>102.563.000</b>	<b>0,0%</b>
2210	Infiq għad-dokumentazzjoni u għal-libreriji	1.652.329	2.000.000	3.770.000	88,5%
2211	Ġurnal Uffiċjali	2.243.250	3.500.000	1.777.000	-49,2%
2212	Pubblikazzjonijiet ġenerali	206.002	250.000	220.000	-12,0%
2213	Informazzjoni u avvenimenti pubbliċi	2.378.741	2.535.000	4.385.000	73,0%
<b>221</b>	<b>Informazzjoni</b>	<b>6.480.322</b>	<b>8.285.000</b>	<b>10.152.000</b>	<b>22,5%</b>
2230	Provvisti għall-uffiċċji	380.999	408.000	358.000	-12,3%
2231	Spejjeż postali	51.000	80.000	60.000	-25,0%
2232	Infiq studji, sfiħriġ u konsultazzjonijiet	11.500	45.000	60.000	33,3%
2233	Kooperazzjoni interistituzzjonali	p.m.	p.m.	p.m.	Mhux Applikabbli
2234	Rilokazzjonijiet	24.372	80.000	18.000	-77,5%
2235	Spejjeż finanzjarji	5.515	10.000	10.000	0,0%
2236	Infiq u spejjeż legali, danni u kumpens	541.903	1.250.000	1.000.000	-20,0%
2237	Spejjeż operattivi oħra	62.648	254.000	281.000	10,6%
<b>223</b>	<b>Spejjeż varji</b>	<b>1.077.937</b>	<b>2.127.000</b>	<b>1.787.000</b>	<b>-16,0%</b>
<b>Total Kapitolu 22 - Infiq operattiv</b>		<b>85.496.149</b>	<b>113.014.000</b>	<b>114.502.000</b>	<b>1,3%</b>
<b>TOTAL TITOLU 2</b>		<b>202.413.632</b>	<b>219.252.000</b>	<b>219.114.000</b>	<b>-0,1%</b>

  

TITOLU 10 - Infiq ieħor					
10 0	Approprijazzjonijiet proviżorji	p.m.	p.m.	p.m.	Mhux Applikabbli
10 1	Riżerva ta' kontinġenza	p.m.	2.000.000	2.000.000	0,0%
<b>TOTAL TITOLU 10</b>		<b>0</b>	<b>2.000.000</b>	<b>2.000.000</b>	<b>0,0%</b>

  

<b>BAĠIT TOTALI</b>		<b>519.070.317</b>	<b>561.576.000</b>	<b>575.221.000</b>	<b>2,4%</b>
---------------------	--	--------------------	--------------------	--------------------	-------------

**TABELLA TAL-PERSUNAL 2018**  
**Taqsimha II - Kunsill Ewropew u Kunsill**

Baġit 2017			
Kategorija u grad	Postijiet permanenti	Postijiet temporanji	
		President KE	Oħrajn
HC	1	0	0
AD 16	8	1	0
AD 15	33 <sup>1)</sup>	1	0
AD 14	127 <sup>3)</sup>	2	1
AD 13	128	3	0
AD 12	172	2	1
AD 11	80	1	1
AD 10	105	5	0
AD 9	173	1	0
AD 8	200	0	0
AD 7	148	1	0
AD 6	145	3	0
AD 5	92	0	0
<b>Subtotal AD</b>	<b>1411</b>	<b>20</b>	<b>3</b>
AST 11	30	0	0
AST 10	28	0	0
AST 9	147	2	0
AST 8	184	1	0
AST 7	160	0	0
AST 6	161	3	0
AST 5	235	3	0
AST 4	236	1	0
AST 3	178	2	0
AST 2	57	1	0
AST 1	8	0	0
<b>Subtotal AST</b>	<b>1424</b>	<b>13</b>	<b>0</b>
SC 6	0	0	0
SC 5	0	0	0
SC 4	0	0	0
SC 3	15	0	0
SC 2	15	0	0
SC 1	125	0	0
<b>Subtotal SC</b>	<b>155</b>	<b>0</b>	<b>0</b>
<b>Total</b>	<b>2991</b>	<b>33</b>	<b>3</b>
<b>Total ġenerali</b>		<b>3027</b>	

Abbozz ta' baġit 2018			
Kategorija u grad	Postijiet permanenti	Postijiet temporanji	
		President KE	Oħrajn
HC	1	0	0
AD 16	8	1	0
AD 15	33 <sup>2)</sup>	1	0
AD 14	127 <sup>4)</sup>	2	1
AD 13	133	3	0
AD 12	180	2	0
AD 11	84	1	1
AD 10	125	5	0
AD 9	203	1	0
AD 8	190	0	0
AD 7	144	1	0
AD 6	136	3	0
AD 5	72	0	0
<b>Subtotal AD</b>	<b>1435</b>	<b>20</b>	<b>2</b>
AST 11	34	0	0
AST 10	32	0	0
AST 9	166	2	0
AST 8	179	1	0
AST 7	134	0	0
AST 6	159	3	0
AST 5	253	3	0
AST 4	226	1	0
AST 3	167	2	0
AST 2	18	1	0
AST 1	12	0	0
<b>Subtotal AST</b>	<b>1380</b>	<b>13</b>	<b>0</b>
SC 6	0	0	0
SC 5	0	0	0
SC 4	0	0	0
SC 3	15	0	0
SC 2	25	0	0
SC 1	140	0	0
<b>Subtotal SC</b>	<b>180</b>	<b>0</b>	<b>0</b>
<b>Total</b>	<b>2996</b>	<b>33</b>	<b>2</b>
<b>Total ġenerali</b>		<b>3031</b>	

1) Inklużi 4 aġenti fil-grad AD16 ad personam.

2) Inklużi 4 aġenti fil-grad AD16 ad personam.

3) Inklużi 7 aġenti fil-grad AD15 ad personam.

4) Inklużi 7 aġenti fil-grad AD15 ad personam.

**Evoluzzjoni tal-għadd ta' 'persunal estern' u l-infiq fuqu**

<b>Evoluzzjoni tal-għadd ta' 'persunal estern' u l-infiq fuqu</b>				
<b><i>Kunsill</i></b>	<i>Baġit 2017</i>		<i>Dikjarazzjoni tal-istimi 2018</i>	
<b>Tip ta' persunal</b>	<b>Approprjazzjonijiet (EUR)</b>	<b>Għadd stmat ta' FTE (*) abbażi ta' approprjazzjonijiet awtorizzati</b>	<b>Approprjazzjonijiet (EUR)</b>	<b>Għadd stmat ta' FTE (*) abbażi ta' approprjazzjonijiet mitluba</b>
Aġenti kuntrattwali (**)	9.835.000	223	10.395.000	223
Esperti Nazzjonali Sekondati	973.000	19	993.000	19
Aġenti Lokali	55.000	1	55.000	1
Temporanġi	192.000	3	200.000	3
Assistenti Parlamentari	Øhux Applikabbli	Øhux Applikabbli	Øhux Applikabbli	Øhux Applikabbli
<b>Total</b>	<b>11.055.000</b>	<b>246</b>	<b>11.643.000</b>	<b>246</b>
* Unitajiet ekwivalenti ta' ingaġġ full-time				
** Inkluż 0,5 M€ għal 12-il CAs miżjuda fil-baġit tal-2016				